MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 323/2010

Kawza fil-lista: 12

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni li hija kellha mal-intimat, fit- 22 ta' Marzu 2000 twieled Wayne D li llum ghandu ghaxar snin.

2. Illi l-imsemmi Wayne D jghix mal-intimata u hija tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha tieghu.

3. Illi l-intimat qed jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-minuri imsemmi u ilu hekk jirrifjuta ghal madwar dawn l-ahhar erba snin.

4. Illi ir-rikorrenti giet awtorizzata b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jgib in-numru 1094/10 tal-20 ta' Lulju 2010 biex tipprocedi b'dawn il-proceduri kontra l-intimat.

5. Illi il-fatti hawn fuq dikjarati tafhom hi personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti jghogobha;

1. Tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lir-rikorrenti manteniment xieraq u adekwat ghall-minuri Wayne D u dan f'dawk l-ammonti u modalitjiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

2. U li tafda l-kura u kustodja tal-minuri lir-rikorrenti bid-dritt ta' access favur l-intimat.

Bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt in subizzjoni."

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**L-attrici A B** xhedet illi l-minuri Wayne D li llum ghandu erbatax-il sena twieled minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut. Kellha titlaq mid-dar bil-minuri u tfal ohra minn relazzjoni ohra peress li l-konvenut beda jkun vjolenti maghha. Tghid li kellha tiftah din il-kawza peress li l-konvenut waqaf jghaddilha manteniment ghat-tifel. Tghid li l-konvenut huwa kuntrattur u tarah ghaddej fit-triq b'karrozza Pajero. Xehdet illi l-konvenut kapaci jmantni lill-minuri wild il-partijiet peress li taf li ghandu ulied minn haddiehor u tifla minnhom sahansitra jinghatha fi skola privata. L-attrici ma tahdimx u tghix bil-beneficcji socjali.

Xehed **Carmel B**, missier l-attrici, fejn spjega li ghal bidu r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet tajba pero' imbaghad beda l-inkwiet bejniethom peress li beda jerfa' jdejh fuqha. Xehed illi sa fejn jaf hu l-konvenut ma jikkontribwixxi xejn fit-trobbija tal-minuri u li gieli jghinu hu u martu lill-attrici.

Ikkunsidrat;

Appena huwa necessarju jinghad illi huwa d-dover taz-zewg genituri illi jmantnu lill-uliedhom liema manteniment jitqies fid-dawl tal-htigijiet tal-minuri u l-mezzi ta' min ghandu jikkontribwixxi.

Mill-atti jirrizulta illi l-attrici ma tahdimx filwaqt li l-konvenut huwa kuntrattur.

Il-konvenut huwa kontumaci u hija gurisprudenza kostanti li l-kontumacja ma hiex ammissjoni izda kontestazzjoni.

Skond l-attrici l-konvenut huwa kuntrattur. Fuq bazi ta' probabilta' il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ghandu mezzi sabiex imantni lill-minuri ibnu. Hi tal-fehma li fic-cirkostanzi manteniment adegwat ghandu jkun fis-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar.

Anke t-talba tal-attrici dwar il-kura u kustodja tal-minuri timmerita li tkun akkolta ghaliex fic-cirkostanzi jirrizulta li din tkun fl-ahjar interess tal-minuri li llum il-gurnata m'ghandu l-ebda kuntratt ma' missieru.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Wayne, iben il-partijiet, is-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (€350) fix-xahar b'effett mill-20 ta' Settembru 2000.

2. Tilqa' t-tieni talba, tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-attrici.

3. Tordna li fl-eventwalita' li l-minuri jaghlaq tmintax-il sena u jkun student *full-time,* il-manteniment hawn ordnat ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq tlieta u ghoxrin sena u jkun ghadu student 'full-time'.

4. Tordna li l-manteniment hawn ordnat jizdied kull sena b'effett mis-sena 2015 skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------